TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 242/12 (JE).

Tessie Falzon

vs

Rennie Mifsud u Horace Richard

Illum, 22 ta' April 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Tessie Falzon tat-22 ta' Settembru 2012 fejn qalet illi ftehmet ma' Rennie Mifsud illi jobrox il-faċċata tad-dar tagħha, jiftaħ il-fili kollha ndaqs, jirtokkja l-ġebla fejn meħtieġ u jixtri l-materjal sabiex jagħmel il-faċċata tad-dar tagħha fuq il-fil skond is-sengħa u dan għall-prezz ta' € 900 kif ukoll € 50 għall-materjal. Ix-xogħol imwettaq mill-konvenut Rennie Mifsud ma kienx tajjeb u l-attriċi waqfietu milli jkompli jwettqu. L-attriċi talbet € 339.95 illi hija għamlet bħala spejjeż minħabba x-xogħol ħażin imwettaq mill-konvenut u talbet dikjarazzjoni li m'għandha tagħti xejn lill-konvenut. Salv danni ulterjuri.

Ra r-risposta tal-konvenuti illi fiha sostnew illi :

1. Preliminarjament, Horace Mifsud m'huwiex il-leġittimu kontradittur peress illi huwa ma daħal fl-ebda ftehim mal-attriċi iżda kien imqabbad jagħmel ix-xogħol mill-konvenut l-ieħor;

2. Fil-mertu, t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda peress illi m'huwiex minnu illi x-xogħol imwettaq mill-konvenuti ma sarx skont is-sengħa u l-arti u l-anqas m'huwa minnu illi l-konvenuti kkawżaw xi danni lill-attriċi u

3. Il-konvenuti nqdew b'din il-kawża sabiex jagħmlu l-kontro-talba tagħhom għall-ammonti lilhom dovuti mill-attriċi għax-xogħol illi wettqulha, liema ammont mitlub kien ta' ħames mitt euro (€ 500).

Ra illi fis-seduta tal-4 ta' Frar 2013, l-konvenut Horace Richard irtira l-kontro-talba tiegħu.

Ra r-risposta tal-attriċi rikonvenuta illi fiha ċaħdet illi l-konvenuti rikonvenjenti wettqu x-xogħol illi allegaw illi wetqu u stqarret illi l-unika xogħol illi wetqu kien xogħol ta' nvjar illi ma kienx skond is-sengħa u l-arti. Illi x-xogħol ta' nvjar illi laħaq sar ikkawża ħsara rreparabli fil-faċċata tal-attriċi li soffriet danni sostanzjali sabiex tkun tista' tirripristinaha, liema danni għadhom ma ġewx

li soffriet danni sostanzjali sabiex tkun tista' tirripristinaha, liema danni għadhom ma ġewx likwidati. Għaldaqstant, il-kontro-talba tal-konvenut Rennie Mifsud hija nfondata u għandha tiġi miċħuda.

Ra r-rapport tal-perit tekniku Alan Saliba maħluf fit-13 ta' Mejju 2013.

Sema l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi preliminarjament irid jingħad illi joħroġ ċar illi l-konvenut Horace Richard m'huwiex leġittimu kontradittur u ddaħal f'dina l-kawża fuq istanza tal-konvenut l-ieħor Rennie Mifsud minkejja illi huwa kien imqabbad minn dan ta' l-aħħar u m'hux mill-attriċi. Għaldaqstant, il-konvenut Horace Richard għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Illi fid-dawl tar-rapport tal-perit tekniku Alan Saliba kif ukoll tar-rapporti ex parte tal-perit Ludovico Micallef, ftit hemm dubju illi x-xogħol imwettaq mill-konvenuti sar ħażin u m'hux skond is-sengħa u l-arti u illi l-konvenuti ma kienux tal-mestjier. Għaldaqstant, il-kontro-talba tal-konvenut Rennie Mifsud qiegħda tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontrih.

Illi l-perit tekniku stima l-ammont meħtieġ sabiex tiġi ripristinata l-faċċata tal-attriċi fis-somma ta' mitejn euro (€ 200) illi hija ftit aktar mill-ammont stmat mill-perit Ludovico Micallef. It-Tribunal ser jimxi fuq il-parir tal-perit tekniku mqabbad minnha u jikkundanna lill-konvenut Rennie Mifsud għall-ħlas ta' € 200. Inoltre, l-attriċi sostniet spejjeż oħra ammontanti għal mija u ħamsa u tmenin euro (€ 185) kif hi stess ħalfet fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2013.

Għaldaqstant, it-Tribunal, fil-waqt illi qed jillibera lill-konvenut Horace Richard mill-osservanza tal-ġudizzju, qed jiċħad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut l-ieħor Rennie Mifsud u qed jikkundanna lill-istess konvenut għall-ħlas tas-somma ta' tlett mija u ħamsa u tmenin euro (€ 385). Bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-avviż sad-data tal-ħlas u bl-ispejjeż tal-preżenti kontra l-istess Rennie Mifsud.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.